

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit) fid-29 ta' April 2015 – Invamed Group Ltd, Invacare UK Ltd, Days Healthcare Ltd, Electric Mobility Euro Ltd, Medicare Technology Ltd, Sunrise Medical Ltd vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

(Kawża C-198/15)

(2015/C 228/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Invamed Group Ltd, Invacare UK Ltd, Days Healthcare Ltd, Electric Mobility Euro Ltd, Medicare Technology Ltd, Sunrise Medical Ltd

Konvenuti: Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

Domandi preliminari

Id-domandi magħmula jirrigwardaw l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 u l-intestatura 8713 li tinsab fih.

- (1) Il-kelmiet "għall-[...] persuni b'diżabilità" ifissru "biss" għal persuni b'diżabbiltà?
- (2) Liema huwa s-sens tal-kelmiet "persuni b'diżabilità", b'mod partikolari:
 - a) huma rriżervati għall-persuni li għandhom diżabbiltà flimkien ma' limitazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jimxu jew li jimxu mingħajr diffikultà, jew jinkludu persuni li l-kapaċità tagħhom li jimxu jew li jimxu mingħajr diffikultà biss hija limitata?
 - b) il-kelmiet "persuni b'diżabilità" jimplikaw li l-limitazzjoni tal-kapaċità ma hijiex sempliċement marġinali?
 - c) limitazzjoni temporanja ta' kapaċità, li pereżempju tirriżulta minn sieq miksura, tista' tikkostitwixxi diżabbiltà?
- (3) In-Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-4 ta' Jannar 2005 (2005/C1/03) ⁽²⁾, sa fejn jeskludu l-vetturi bil-mutur magħmmra b'lieva ta' direzzjoni distinta u aġġustabbli ("scooters"), ibiddlu s-sens tal-intestatura 8713?
- (4) Il-possibbiltà li vettura tintuża minn persuna mingħajr diżabbiltà għandha impatt fuq il-klassifikazzjoni tariffarja, jekk jista' jiġi kkonstatat li l-imsemmija vettura għandha karatteristiċi speċjali li jtaffu l-effetti ta' diżabbiltà?
- (5) Jekk l-adegwatezza għal użu minn persuni mingħajr diżabbiltà tikkostitwixxi kunsiderazzjoni rilevanti, sa fejn l-inkonvenjenzi ta' tali użu għandhom ukoll ikunu rilevanti sabiex tiġi ddeterminata din l-adegwatezza?

⁽¹⁾ ĠU L 301, p. 1

⁽²⁾ Noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 137, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Latvja) fl-4 ta' Mejju 2015 – Valsts ieņēmumu dienests vs SIA "Latspas"

(Kawża C-204/15)

(2015/C 228/08)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa